

Brussell, 2 ta' Ottubru 2017
(OR. en)

12757/17

PUBLIC 54
INF 174

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - ĠUNJU 2017

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill f'Ġunju 2017.^{1 2}

Huwa jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza tal-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli tal-votazzjoni applikabbli, ir-riżultati tal-votazzjoni u, jekk ikun il-każ, spjegazzjonijiet tal-vot u dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

¹ Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti minn ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

² Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati fil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu li ġew adottati biss wara l-firma kemm mill-President tal-Kunsill u l-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux legiſlattivi li l-Kunsill ikun iddeċieda li jagħmilhom pubbliċi.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Kunsill:

[Sommarji ta' kull xahar tal-Atti tal-Kunsill \(atti\) - Consilium](#)

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill: [Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium](#)

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kunsill: [Minuti tal-Kunsill - Consilium](#)

INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'ĠUNJU 2017

It-3546 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA U AFFARIJJIET INTERNI) li saret fil-Lussemburgu fit-8 u d-9 ta' Ġunju 2017

ATTI LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Regolament (UE) 2017/1128 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar l-iżgurar tal-portabbiltà transkonfinali tas-servizzi tal-kontenut online fis-suq intern (Test b'rilevanza għaż-ŻEE). ĠU L 168, 30.6.2017, p. 1-11	9/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2017 li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017 ĠU C 186, 10.6.2017, p. 2-2	9436/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 33/2016 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri - "Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili: il-koordinazzjoni tar-reazzjonijiet għal diżastri li seħħew barra mit-territorju tal-UE kienet effettiva f'termini ġenerali"	10132/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħolqien ta' netwerk informali ta' esperti kompetenti fil-qasam tal-Identifikazzjoni tal-Vittmi ta' Diżastri	10159/17
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1020 tat-8 ta' Ġunju 2017 dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi fil-Kroazja ĠU L 155, 17.6.2017, p. 21-22	5318/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-triq 'il quddiem biex jitjieb l-iskambju ta' informazzjoni u tiġi żgurata l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE	10151/17

Konklużjonijiet tal-Kunsill li jirrakkomandaw verifiki tas-sigurtà f'każ ta' migrazzjoni irregolari	10152/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Annwali 2016 tal-Eurojust	10139/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tar-ritorn u r-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed jirrisjedu fil-pajjiż illegalment	10112/17
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2015 dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-protezzjoni ta' data mil-Liechtenstein	10160/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/972 tat-8 ta' Ġunju 2017 li tagħgħorna u temenda l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/154 ĠU L 146, 9.6.2017, p. 139-140	8118/17
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/965 tat-8 ta' Ġunju 2017 li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/150 ĠU L 146, 9.6.2017, p. 6-7	8119/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/973 tat-8 ta' Ġunju 2017 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 (1999) u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo) (EULEX KOSOVO) ĠU L 146, 9.6.2017, p. 141-142	8926/17

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/971 tat-8 ta' Ġunju 2017 li tiddetermina l-arranġamenti għall-ippjanar u t-tmexxija tal-missjonijiet militari mhux eżekuttivi tal-UE fil-qafas tal-PSDK u li temenda d-Deċiżjonijiet 2010/96/PESK dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi tas-Sigurtà tas-Somalja, 2013/34/PESK dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) u (PESK) 2016/610 dwar Missjoni ta' taħriġ militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) ĠU L 146, 9.6.2017, p. 133-138	7592/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/974 tat-8 ta' Ġunju 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran ĠU L 146, 9.6.2017, p. 143-144	9117/17
Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/964 tat-8 ta' Ġunju 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran ĠU L 146, 9.6.2017, p. 1-5	9154/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tat-tfal migranti	10085/17

It-3545 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI U ENERĠIJA) li saret fil-Lussemburgu fit-8 u d-9 ta' Ġunju 2017

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/997 tat-8 ta' Ġunju 2017 li jemenda l-Anness III għad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-karatteristika perikoluża HP 14 'Ekotossiku' (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 150, 14.6.2017, p. 1-4	8430/17
Dikjarazzjoni Konġunta mill-Awstrija u mir-Repubblika Ċeka L-Awstrija u r-Repubblika Ċeka għadhom imħassbin dwar il-proposta attwali tal-Kunsill li temenda l-Anness III tad-Direttiva 2008/98/KE rigward il-karatteristika perikoluża HP 14 'Ekotossiku'. L-Awstrija u r-Repubblika Ċeka huma tal-fehma li l-formuli tal-kalkolu proposti ma jagħtux riżultati preċiżi fil-klassifikazzjoni tal-iskart. Ċerti flussi ta' skart li s'issa għadhom mhumie x klassifikati bħala perikolużi iżda jkollhom jiġu kklassifikati bħala perikolużi abbażi tar-riżultati tal-formuli tal-kalkolu ta' dan ir-regolament. Madankollu, billi skont il-premessa (8) "ir-riżultati tat-test għandhom jipprevalu", jinħolqu spejjeż sostanzjali tal-ittestjar mingħajr benefiċċji sinifikanti għall-ambjent sabiex tingħata prova tal-kuntrarju. Fil-fehma tagħna ntilfet opportunità biex jiġu stabbiliti metodi ta' ttestjar armonizzati għal skart rigward il-karatteristika perikoluża HP 14 'Ekotossiku'. Dan ir-regolament jippermetti lill-Istati Membri japplikaw metodi rilevanti ta' ttestjar tagħhom stess biex jivvalutaw l-iskart għall-karatteristika perikoluża HP 14 'Ekotossiku'. Għalhekk, il-valutazzjoni tal-ekotossiċità tal-iskart ser tibqa' frammentata madwar l-Unjoni Ewropea minflok armonizzazzjoni ta' metodi ta' ttestjar. Iż-żieda mal-premessa (8) u l-iskambju tal-aħjar prattiki huwa punt ta' tluq tajjeb, iżda ma jwassalx għal armonizzazzjoni tal-metodi ta' ttestjar. Fid-dawl tal-karatteristika perikoluża HP 14 'Ekotossiku' li għadha kemm ġiet definita mill-ġdid, l-Awstrija u r-Repubblika Ċeka jqisu li huwa aktar indispensabbli li jkun hemm rieżami u adattament tal-Lista Ewropea tal-Iskart.	

Dikjarazzjoni mill-Belġju

Il-Belġju jopponi r-Regolament tal-Kunsill (dok. 8430/17) għar-raġunijiet li ġejjin:

1. L-ewwel nett, il-formuli proposti huma wisq ġeneriċi

Il-Belġju jippreferi metodu li jirrappreżenta t-tossiċità reali: valur limitu (sever) baxx għas-sustanzi l-aktar tossiċi u valur limitu (inqas sever) oġhla għas-sustanzi inqas tossiċi. Peress li l-proposta attwali tuża l-istess valur limitu għal subsett divers ħafna ta' sustanzi ekotossiċi, x'aktarx li wisq skart "ftit tossiku" jiġi kklassifikat bħala perikoluż, u wisq skart "tossiku ħafna" jiġi kklassifikat bħala mhux perikoluż.

Il-Premessa (7) tistipula li l-Kummissjoni għandha l-possibbiltà li tqis mill-ġdid il-metodu tal-kalkolu ta' HP14 fid-dawl tal-inklużjoni possibbli ta' fatturi ta' multiplikazzjoni f'dak il-metodu. Il-Belġju jiddisputa li din il-formulazzjoni ma fiha ebda obbligu jew skadenza għall-Kummissjoni u jhegġegħ lill-Kummissjoni tagħti bidu għal dan il-proċess mingħajr dewmien.

2. It-tieni nett, il-Belġju jqis li l-proposta hija wisq impreċiża fir-rigward ta' "ttestjar"

Il-Premessa (8) tirreferi għal żewġ metodi biex tiġi definita l-'ekotossiċità': il-bijotestijiet u l-metodu tal-kalkolu. Il-kuntrast bejn il-qafas legali għaż-żewġ metodi huwa impressjonanti:

Il-metodu tal-kalkolu huwa deskritt f'dettall kbir. Madankollu: dan il-metodu jaħdem sew biss għal skart magħruf sew.

Il-bijotestjar huwa bil-bosta l-aħjar għażla għal skart b'kompożizzjoni jew oriġini mhux magħrufa. Madankollu: imkien mhuwa definit liema, u kemm il-bijotest għandu jintuża. Dan jimplika li l-utenti għandhom il-libertà li jagħżlu organizzmu għat-testijiet tagħhom li ma jkunx sensitiv għal sustanza partikolari preżenti fl-iskart. Lanqas ma huwa definit kif ir-riżultat tal-bijotest għandu jiġi interpretat. Dan jimplika li huwa f'idejn l-utent biex jiddeċiedi x'perċentwal ta' mortalità għandu jiġi interpretat bħala "perikoluż".

Il-premessa (8) tistqarr li huwa xieraq li jiġi promoss l-iskambju tal-aħjar prattiki fir-rigward ta' metodi tal-ittestjar. Din id-dikjarazzjoni ma għandha ebda obbligu u ebda data ta' skadenza biex iseħħ dan l-iskambju. "Skambju" ta' informazzjoni informali u mhux vinkolanti mhuwiex biżżejjed. Il-Belġju jappella għall-iżvilupp ta' sett ta' testijiet armonizzati.

3. It-tielet nett, il-Belġju hu mħasseb dwar ir-referenza fil-premessa 8 għall-Art. 12(b) tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, li tippermetti li jittieħed kont tal-bijodisponibbiltà ta' sustanzi u taħlitiet L-inklużjoni tal-evalwazzjoni tal-bijodisponibbiltà hija f'kuntrast ċar mal-evalwazzjoni tal-karatteristiċi intrinziċi tal-iskart, li hija l-bażi tal-Anness III għad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart. CLP jieħu kont tal-bijodisponibbiltà tal-kimiċi u s-sustanzi. Dan huwa ġġustifikat, billi ċ-ċiklu tal-ħajja tas-sustanzi kimiċi u tat-taħlitiet huwa magħruf sew. Madankollu, dan mhuwiex il-każ għall-iskart. It-tikketta "perikoluż" m'għandhiex, u ma tistax tiddependi mill-kundizzjonijiet varjanti fejn jinstab l-iskart.	
Dikjarazzjoni mill-Polonja Il-Polonja topponi r-Regolament tal-Kunsill (dok. 8430/17) għar-raġunijiet li ġejjin: Il-valutazzjoni ta' HP 14 ibbażata fuq il-metodu tal-kalkolu mhix adatta billi tista' twassal għal sovrastima jew sottostima tal-fluss ta' skart perikoluż. Konsegwentement, din tista' tinfluwenza b'mod negattiv it-transizzjoni għal ekonomija ċirkolari, kif ukoll il-kisba ta' miri fl-immaniġġar tal-iskart fir-rigward tal-applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart u tikkawża problemi fid-disponibbiltà ta' faċilitajiet għat-trattament tal-iskart perikoluż (kapaċità insuffiċjenti). Għalhekk, il-Polonja hija tal-opinjoni li din il-kwistjoni għandha tiġi indirizzata minn grupp ta' esperti u għandha tiġi żviluppata proposta ġdida għall-valutazzjoni tal-HP 14. Il-metodu għandu jkun kosteffettiv, prattiku u m'għandux iwassal għal sovrastima ta' ċerti flussi ta' skart.	
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1107 tat-8 ta' Ġunju 2017 fir-rigward tal-estensjoni tal-perijodu ta' intitolament għall-koproduzzjonijiet awdjoviżivi kif previst fl-Artikolu 5 tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni Kulturali anness mal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra ĠU L 160, 22.6.2017, p. 33-34	9505/17
Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-bidla fil-bażi legali tad-deċiżjoni tal-Kunsill tikkostitwixxi ksur tal-liġi tal-UE.	

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Użbekistan, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea	9016/17
Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Użbekistan, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea	9079/17
Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, fisem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Użbekistan, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea	9191/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sikurezza fit-toroq li japprovaw id-Dikjarazzjoni tal-Belt Valletta (Il-Belt Valletta, 28 – 29 ta' Marzu 2017)	9994/17
Dikjarazzjoni mill-Ġermanja Id-Dikjarazzjoni preżenti tal-Belt Valletta ta' Marzu 2017, li l-Kunsill jirreferi għaliha fil-konklużjonijiet tiegħu dwar is-sikurezza fit-toroq, tuża t-termini 'Schwerverletzte' jew 'schwere Verletzungen' (korrimenti serji) diversi drabi fil-verżjoni Ġermaniża. Għal raġunijiet ta' kjarifika, il-Ġermanja tixtieq tindika li dawn it-termini, abbażi tal-ispirtu u l-fini ta' din id-dikjarazzjoni kif ukoll tal-konklużjonijiet tal-Kunsill, għandhom jiġu dejjem interpretati b'rabta mad-definizzjoni bbażata fuq l-iskala abbrevjata tal-korrimenti MAIS3+. F'dak il-każ biss ikun possibbli li jiġi ggarantit id-divrenzjar ta' persuni li juru livell iżgħar ta' korrimenti, iżda li fil-Ġermanja, pereżempju, jitqiesu bħala li għandhom "korrimenti serji" skont it-tifsira tal-istatistika uffiċjali dwar l-inċidenti tat-traffiku għaliex inżammew l-isptar għal 24 siegħa. Għal din ir-raġuni, il-kummenti kollha fid-Dikjarazzjoni tal-Belt Valletta li jirreferu għal "korrimenti serji" għandhom jiġu interpretati abbażi tad-definizzjoni komuni Ewropea MAIS3+.	

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Prijaritajiet għall-politika tal-UE dwar it-trasport marittimu sal-2020: Kompetittività, Dekarbonizzazzjoni, Diġitalizzazzjoni biex jiġu żgurati l-konnettività globali, suq intern effiċjenti u settur marittimu ta' livell dinji"	9976/17
Proċedura bil-miktub li tlestiet fit-8 ta' Ġunju 2017	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/975 tat-8 ta' Ġunju 2017 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 146, 9.6.2017, p. 145-149	9938/17
It-3547 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD) li saret fil-Lussemburgu fit-12 ta' Ġunju 2017	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konferenza annwali tal-Partijiet tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Pollakkju fil-Baħar Bering Ċentrali, u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2012 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Pollakkju fil-Baħar ta' Bering Ċentrali	9782/17
Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni	
Il-Kummissjoni tikkunsidra l-bażi legali materjali preċiża tal-Artikolu 43(2) TFUE hekk kif kienet ipproponiet flimkien mal-bażi legali proċedurali tal-Artikolu 218(9) TFUE bħala l-unika waħda adatta peress li l-Artikolu 43(2) TFUE huwa wkoll il-bażi legali materjali flimkien mal-bażi legali proċedurali tal-Artikolu 218(6)a TFUE għad-deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet internazzjonali li jistabbilixxu l-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) rispettivi, li fil-kuntest tagħhom l-Artikolu 218(9) TFUE jista' jsir rilevanti. Il-Kummissjoni għalhekk iżżomm il-pożizzjoni tagħha u ma tistax tappoġġa l-emenda tal-Kunsill li tissostitwixxi l-bażi legali tal-Artikolu 43(2) flimkien mal-Artikolu 218 (9) bl-Artikolu 43 (mingħajr ma jissema l-paragrafu) flimkien mal-Artikolu 218(9).	

Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-laqgħa tal-partijiet għall-Ftehim tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (SIOFA) u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tiġi adottata fil-qafas tal-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (SIOFA)	9767/17
Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Il-Kummissjoni tikkunsidra l-bażi legali materjali preċiża tal-Artikolu 43(2) TFUE hekk kif kienet ipproponiet flimkien mal-bażi legali proċedurali tal-Artikolu 218(9) TFUE bħala l-unika waħda adatta peress li l-Artikolu 43(2) TFUE huwa wkoll il-bażi legali materjali flimkien mal-bażi legali proċedurali tal-Artikolu 218(6)a TFUE għad-deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet internazzjonali li jistabbilixxu l-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) rispettivi, li fil-kuntest tagħhom l-Artikolu 218(9) TFUE jista' jsir rilevanti. Il-Kummissjoni għalhekk iżżomm il-pożizzjoni tagħha u ma tistax tappoġġa l-emenda tal-Kunsill li tissostitwixxi l-bażi legali tal-Artikolu 43(2) flimkien mal-Artikolu 218 (9) bl-Artikolu 43 (mingħajr ma jissemma l-paragrafu) flimkien mal-Artikolu 218(9).	
Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea, fl-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (l-SPRFMO) u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tiġi adottata fl-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku	9784/17
Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Il-Kummissjoni tikkunsidra l-bażi legali materjali preċiża tal-Artikolu 43(2) TFUE hekk kif kienet ipproponiet flimkien mal-bażi legali proċedurali tal-Artikolu 218(9) TFUE bħala l-unika waħda adatta peress li l-Artikolu 43(2) TFUE huwa wkoll il-bażi legali materjali flimkien mal-bażi legali proċedurali tal-Artikolu 218(6)a TFUE għad-deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet internazzjonali li jistabbilixxu l-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) rispettivi, li fil-kuntest tagħhom l-Artikolu 218(9) TFUE jista' jsir rilevanti. Il-Kummissjoni għalhekk iżżomm il-pożizzjoni tagħha u ma tistax tappoġġa l-emenda tal-Kunsill li tissostitwixxi l-bażi legali tal-Artikolu 43(2) flimkien mal-Artikolu 218 (9) bl-Artikolu 43 (mingħajr ma jissemma l-paragrafu) flimkien mal-Artikolu 218(9).	

Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitati rilevanti tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa fir-rigward ta' proposti għal emendi tar-Regolamenti tan-NU Nru 4, 6, 7, 14, 16, 19, 23, 30, 38, 48, 50, 51, 54, 55, 77, 80, 83, 87, 91, 98, 106, 112, 113, 119, 123, 129 u 143, iż-żewġ proposti għal emendi tar-Regolamenti Tekniċi Globali tan-NU 1 u 15, proposta għal Regolament Tekniku Globali tan-NU ġdid dwar il-proċedura ta' ttestjar tal-emissjonijiet mill-evaporazzjoni, l-affermazzjoni mill-ġdid tat-tliet listi fil-Kompendju tar-Regolamenti Tekniċi Globali Kandidati, u deċiżjoni waħda ta' kunsens dwar l-użu tat-terminu 'NU GTR'	9798/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1190 tat-12 ta' Ġunju 2017 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-GNSS bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżvizzera stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-Programmi Ewropej tan-Navigazzjoni bis-Satellita rigward l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu ĠU L 172, 5.7.2017, p. 1-7	5448/17
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda dwar regoli supplementari fir-rigward tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna għall-perijodu 2014 sa 2020	9227/17
Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda dwar regoli supplementari fir-rigward tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna għall-perijodu 2014 sa 2020	9253/17

Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika tal-Mali sabiex jiġi konkluż Ftehim dwar l-istatus tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) li tissostitwixxi l-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Mali dwar l-istatus ta' EUCAP Sahel Mali	9153/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/994 tat-12 ta' Ġunju 2017 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 149, 13.6.2017, p. 75-84	7577/17
It-3548 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA u AFFARIJET TAL-KONSUMATUR) li saret fil-Lussemburgu fil-15 u s-16 ta' Ġunju 2017	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar “Lejn Strateġiji biex Nagħmlu x-Xogħol Irodd”	10452/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 5/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu "Il-qgħad fost iż-żgħażaġh – il-politiki tal-UE għamlu differenza? Valutazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u l-Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ"	10379/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill li jikkontribwixxu biex jieqfu jiżdiedu l-Piż Żejjed u l-Obeżità fit-Tfulija	10380/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Inkoraġġiment tal-Kooperazzjoni Volontarja Mmexxija mill-Istati Membri bejn is-Sistemi tas-Saħħa	10381/17

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja

Il-Ġermanja tilqa' espliċitament il-kooperazzjoni volontarja tal-Istati Membri, anke fil-qasam tas-saħħa, sabiex jiġu solvuti problemi li għalihom ma jistgħux isibu soluzzjonijiet waħedhom jew li għalihom il-kooperazzjoni tista' twassal għal soluzzjonijiet aħjar. Il-Ġermanja hija miftuħa għal tali kooperazzjoni.

Il-Ġermanja tikkunsidra l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill bħala dokument li jirrispetta kompletament il-kompetenzi tal-Istati Membri u jħares, b'mod partikolari, id-dritt tagħhom li jikkoordinaw il-politiki u l-programmi tagħhom dwar il-kura tas-saħħa skont l-Artikolu 168(7) TFUE ('L-azzjoni tal-Unjoni għandha tirrispetta bis-sħiħ ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fir-rigward tad-definizzjoni tal-politika tas-saħħa tagħhom, kif ukoll l-organizzazzjoni u l-għoti ta' servizzi tas-saħħa u tal-kura medika.'). Il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam indirizzata fil-konklużjonijiet tal-Kunsill, hija esklużivament fuq bażi volontarja.

Il-Ġermanja tikkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill bħala sejħa lil dawk l-Istati Membri li jixtiequ jikkooperaw aktar mill-qrib ma' Stati Membri oħra fil-livell intergovernattiv, u li jagħmlu dan fuq inizzjattiva tagħhom stess. L-arranġamenti għal kull fażi ta' kooperazzjoni volontarja ser ikunu unikament ir-responsabbiltà tal-Istati Membri li volontarjament jorganizzaw lilhom infushom għal dak l-għan. Dan ifisser li kemm f'termini strutturali kif ukoll sostantivi, l-organizzazzjoni, il-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni ser jibqgħu fil-mandat tas-sħab rispettivi f'din il-kooperazzjoni. Mhu ser ikun hemm l-ebda koordinazzjoni tal-attivitajiet f'livell ogħla, b'mod partikolari mill-Kummissjoni. Kwalunkwe ftehim li jkun sar fil-qafas ta' din il-kooperazzjoni u kwalunkwe eżitu tad-diskussjonijiet ser ikollhom effett biss fi ħdan l-Istati Membri li volontarjament jkunu nġhaqdu flimkien għal dan l-għan. Mhu ser ikun hemm l-ebda involviment ta' strutturi Ewropej li jmur lil hinn mill-kompetenzi previsti fit-Trattati Ewropej.

Fir-rigward ta' skambju ta' esperjenzi orjentat lejn il-miri, il-fora rilevanti tas-saħħa li jippermettu skambju siewi għall-Istati Membri, fl-ambitu tal-kooperazzjoni volontarja, għandhom ikunu magħmula minn esperti f'dixxiplini rilevanti.

Filwaqt li tippreżenta l-kummenti ta' kjarifika ta' hawn fuq, il-Ġermanja tappoġġa l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill.

It-3549 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET EKONOMIĊI U FINANZJARJI) li saret fil-Lussemburgu fis-16 ta' Ġunju 2017	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi)	10392/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1249 tas-16 ta' Ġunju 2017 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar regoli supplementari fir-rigward tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna għall-perjodu 2014 sa 2020 ĠU L 179, 12.7.2017, p. 1-2	13710/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1191 tas-16 ta' Ġunju 2017 li tabroga d-Deċiżjoni 2014/56/UE dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fil-Kroazja ĠU L 172, 5.7.2017, p. 8-9	10000/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1225 tas-16 ta' Ġunju 2017 li tabroga d-Deċiżjoni 2010/288/UE dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fil-Portugall ĠU L 174, 7.7.2017, p. 19-21	10001/17
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill bil-ksieb li tiġi korretta d-devjazzjoni osservata sinifikanti mill-pjan ta' aġġustament lejn l-oġettiv baġitarju fuq terminu medju fir-Rumanija	9999/17

It-3550 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AMBJENT) li saret fil-Lussemburgu fid-19 ta' Ġunju 2017	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1138 tad-19 ta' Ġunju 2017 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-ewwel laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju fir-rigward tal-adozzjoni tal-kontenut meħtieġ taċ-ċertifikazzjoni msemija fl-Artikolu 3(12) tal-Konvenzjoni u tal-gwida msemija fl-Artikolu 8(8) u (9) tal-Konvenzjoni ĠU L 164, 27.6.2017, p. 56-58	9666/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI	10473/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Pjan ta' Azzjoni tal-UE għan-natura, għaċ-ċittadini u għall-ekonomija	10500/17

It-3551 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJJIET BARRANIN) li saret fil-Lussemburgu fid-19 ta' Ġunju 2017	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-involvement tal-UE mas-soċjetà ċivili fir-relazzjonijiet esterni	10279/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali	10387/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri dwar "Assistenza mill-UE lit-Tuneżija"	10189/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tibdil fil-klima wara d-deċiżjoni tal-Amministrazzjoni tal-Istati Uniti li tirtira mill-Ftehim ta' Pariġi	10456/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Qafas għal Rispons Diplommatiku Konġunt tal-UE għal Attivitàjiet Ċibernetiċi Malizzjużi ("Għodda tad-Diplomazija Diġitali")	10474/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1087 tad-19 ta' Ġunju 2017 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/386/PESK dwar miżuri restrittivi minħabba l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol ĠU L 156, 20.6.2017, p. 24-24	9631/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Impetu Mġedded għas-Sħubija Afrika-UE"	10454/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Mali u s-Saħel	10137/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà Marittima Globali	10238/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tas-sett komuni ta' proposti approvati mill-Ministri tal-UE u n-NATO fis-6 ta' Diċembru 2016	10236/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Azzjoni Esterna tal-UE dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu	10384/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iraq	10197/17

It-3552 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET ĠENERALI) li saret fil-Lussemburgu fl-20 ta' Ġunju 2017**ATTI LEĠISLATIVI**

ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1683/95 li jistabbilixxi format uniformi għall-viża	20/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: Mhux qed jipparteċipaw: IE, UK
Dikjarazzjoni mir-Renju Unit Ir-Renju Unit jieħu nota tal-adozzjoni tal-Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1683/1995 li jistabbilixxi format uniformi għall-viżi. Ir-Renju Unit iqis li dan ir-Regolament ma jikkostitwixxix miżura li tibni fuq l-acquis ta' Schengen għar-Renju Unit, peress li jemenda miżura li ġiet adottata qabel l-inkorporazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-liġi tal-Unjoni u li ma tnizzlitx bħala parti mill-acquis ta' Schengen. Ir-Renju Unit jikkunsidra li peress li r-Regolament jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Titolu V ta' Parti Tlieta tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Protokoll (Nru 21) tat-Trattati dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja kellha tapplika għal dan ir-Regolament.			
Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2017/1123 tal-20 ta' Ġunju 2017 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 ĠU L 163, 24.6.2017, p. 1-3	14942/16	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: Astensjoni: IT, UK

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar żidiet (top-ups) għall-bqija tal-perjodu tal-QFP

Fil-kuntest tar-rieżami/reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ftehm u dwar iż-żidiet kif proposti mill-Kummissjoni għall-ammonti indikati fit-tabella ta' hawn taħt, li għandhom jiġu implimentati fis-snin 2017 sa 2020 ⁽²⁾ fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali, mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-awtorità baġitarja:

	Approprijazzjonijiet ta' impenn, mil. EUR
Intestatura 1a	
Orizzont 2020	200
CEF Trasport	300
Erasmus+	100
COSME	100
Wifi4EU*	25
FEIS*	150
Total Intestatura 1a	875
Intestatura 1b (YEI)	1200**
Intestatura 3	2549
Intestatura 4*	1385
Total Intestatura 1a, 1b, 3, 4	6009

* *Dan ma jippreġudikax l-eżitu tad-diskussjonijiet li għaddejjin dwar l-abbozz ta' proposti legiſlattiv fl-Intestatura H1a u l-Intestatura 4H4H4.*

** *Mifruxa matul erba' snin (2017-2020).*

Fil-proċedura baġitarja annwali ser jiġu identifikati riallokazzjonijiet ta' ammont totali ta' EUR 945 miljun, li minnhom EUR 875 miljun fl-Intestatura 1a u EUR 70 miljun fl-Intestatura 4.

(2) Parti miż-żidiet ġenerali diġà ġew miftiehma fil-kuntest tal-proċedura baġitarja tal-2017. B'hekk, il-baġit tal-2017 jinkludi EUR 200 miljun fl-Intestatura 1a u EUR 725 miljun fl-Intestatura 4. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qablu li jipprovdu EUR 500 miljun fl-Intestatura 1b għall-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ fl-2017 li għandha tiġi ffinanzjata mill-Marġni globali għall-impenji u li ser tiġi implimentata permezz ta' baġit emendatorju fl-2017. Fl-aħħar nett, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill stiednu wkoll lill-Kummissjoni biex titlob l-appropriazzjonijiet meħtieġa f'baġit emendatorju fl-2017 sabiex jiġi pprovdut il-finanzjament tal-EFSD mill-baġit tal-UE malli tiġi adottata l-bażi legali.

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-evitar tal-akkumulazzjoni ta' ammont eċċessiv ta' kontijiet mhux imħallsa

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jappellaw lill-Kummissjoni biex tkompli bi skrutinju mill-qrib tal-implimentazzjoni tal-programmi tal-2014-2020 sabiex tiġi żgurata progressjoni ordnata tal-appropriazzjonijiet ta' pagament konsistenti mal-appropriazzjonijiet ta' impenn awtorizzati. Għal dak l-għan, jistiednu lill-Kummissjoni biex fil-mument opportuni tippreżenta, matul il-bqija tal-perijodu tal-QFP attwali, ċifri aġġornati fir-rigward tal-istat attwali u stimi rigward l-appropriazzjonijiet ta' pagament. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser jieħdu kwalunkwe deċiżjoni meħtieġa fi żmien debitu għal ħtiġijiet ġustifikati kif mistħoqq li tipprevjeni l-akkumulazzjoni ta' ammont eċċessiv ta' kontijiet mhux imħallsa u li tiżgura li t-talbiet għall-ħlas jiġu debitament rimborżati.

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-pagamenti għal Strumenti Speċjali

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qablu li jadattaw il-proposta għall-emenda tad-Deċiżjoni (UE) 2015/435 b'mod li ma jippreġudika bl-ebda mod in-natura ta' pagamenti għal strumenti speċjali oħra b'mod ġenerali.

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar evalwazzjoni indipendenti tar-riżultati tal-mira ta' tnaqqis progressiv tal-persunal b'5 % bejn l-2013 u l-2017

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jipproponu li titwettaq evalwazzjoni indipendenti tar-riżultati tal-mira ta' tnaqqis progressiv tal-persunal b'5 % bejn l-2013 u l-2017, li tkopri l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha kif miftiehem fi IIA tal-2013 dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja soda. Abbażi tal-konklużjoni tal-evalwazzjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni tippreżenta proposta ta' segwitu adatta.

Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar il-pagamenti għal Strumenti Speċjali

Il-Kunsill jipproponi li jinżamm l-istatus quo u li, fil-kuntest ta' dan ir-rieżami/reviżjoni, ma tiġix stabbilita regola ġenerali u globali fir-rigward tat-trattament tal-pagamenti għal strumenti speċjali oħra. Skont l-opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill, ser tibqa' l-prerogattiva tal-Awtorità tal-Baġit li tiddeċiedi skont il-każ, fir-rigward ta' mobilizzazzjoni speċifika inkwistjoni, jekk il-pagamenti korrispondenti kollha, jew uħud minnhom, għandhomx jingħaddu 'l fuq mil-limiti massimi tal-QFP jew le.

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tisħiħ tal-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ u miżuri addizzjonali biex jgħinu biex jiġu indirizzati l-kriżi tal-migrazzjoni u kwistjonijiet ta' sigurtà

Jekk ix-xejra ta' tnaqqis fil-qgħad fost iż-żgħażaġh osservata mill-2013 terġa' tmur għall-agħar, għandha tiġi kkunsidrata żieda fil-finanzjament għall-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ lil hinn mill-ammont ta' EUR 1.2 biljun miftiehem fil-qafas tar-rieżami/reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għall-2014-2020 billi jintużaw il-marġini disponibbli skont il-Marġini Globali għall-Impenji f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament dwar il-QFP. Għal dak l-iskop, il-Kummissjoni ser tirrapporta regolarment dwar ix-xejriet statistiċi osservati u tippreżenta Abbozz ta' Baġit Emendatorju jekk ikun xieraq.

Mingħajr preġudizzju għal dan ta' hawn fuq, għandhom jiġu kkunsidrati marġini oħrajn disponibbli, bħala kwistjoni ta' prijetà, għal investiment fiż-żgħażaġh madwar l-Ewropa u għal miżuri biex jgħinu biex jiġu indirizzati d-dimensjoni interna u dik esterna tal-kriżi tal-migrazzjoni u kwistjonijiet ta' sigurtà jekk ikun hemm ħtiġijiet ġodda li mhumieks koperti mill-finanzjament eżistenti jew miftiehem. Il-Kummissjoni ser tagħmel proposti għal dak l-għan jekk ikun adattat filwaqt li tqis il-ħtieġa li jinżammu biżżejjed marġini għal avvenimenti mhux mistennija u l-implimentazzjoni bla xkiel ta' programmi diġà maqbula.

Dikjarazzjoni mir-Renju Unit

Ir-Renju Unit jinnota l-qbil li ntlaħaq mill-Kunsill Ewropew dwar l-Analiżi ta' Nofs it-Terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, u l-adozzjoni reċenti mill-UE fil-livell ta' 27 tal-Linji Gwida għan-Negożjati, id-Direttivi għall-ħruġ tar-Renju Unit, u dokument ta' pożizzjoni dwar prinċipji dwar is-saldu finanzjarju, li jaffermaw li r-Renju Unit għandu jinżamm responsabbli għal sett wiesa' ta' obbligi tal-UE.

Wara l-Elezzjonijiet Ġenerali tar-Renju Unit u tmiem il-perijodu 'purdah', ir-Renju Unit ineħħi r-riżerva tiegħu fuq l-adozzjoni mill-Kunsill tal-qbil dwar l-Analiżi ta' Nofs it-Terminu. Dan huwa sabiex tkun appoġġjata l-governanza tajba tal-baġit filwaqt li r-Renju Unit jibqa' membru tal-UE, b'rikonoxximent li l-Analiżi ta' Nofs it-Terminu ser ikollha effett primarjament fuq il-baġit wara li r-Renju Unit ikun ħareġ mill-UE. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tar-Renju Unit dwar obbligazzjonijiet finanzjarji affermati fin-negożjati ta' ħruġ li jmiss, u kondizzjonata fuq il-fehim ċar li l-UE fil-livell ta' 27 mhux ser tuża l-pożizzjoni kostruttiva tar-Renju Unit dwar l-Analiżi ta' Nofs it-Terminu biex iżżid mal-pretensjonijiet affermati tagħha dwar l-obbligazzjonijiet tar-Renju Unit.

Ir-Renju Unit huwa kunfidenti li Stati Membri oħra u l-istituzzjonijiet ser jirreċiprokaw l-att ta' rieda tajba tar-Renju Unit fl-iffaċilitar tal-kummerċ tal-Unjoni primarjament applikabbli wara l-ħruġ tiegħu fl-approċċ tagħhom lejn in-negożjati ta' ħruġ, u f'relazzjonijiet li għaddejjin ma' negozji fir-Renju Unit u dawk li jirċievu l-fondi tal-UE. Nistennaw li huma japplikaw sens simili ta' ġustizzja, u jaħdmu b'mod kooperattiv fuq ħruġ b'mod ordnat.

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tilqa' l-adozzjoni mill-Kunsill tal-Analiżi ta' Nofs it-Terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali wara t-tneħħija tar-riżerva tar-Renju Unit dwar l-adozzjoni tal-qbil mill-Kunsill.

Dan huwa mingħajr preġudizzju għal negożjati li għaddejjin bħalissa dwar l-irtirar tar-Renju Unit mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Kif iddikjarat fil-Prinċipji Essenzjali dwar is-Saldu Finanzjarju ppreżentati fit-12 ta' Ġunju 2017, l-Unjoni u r-Renju Unit għandhom jirrispettaw bis-sħiħ it-tnejn li huma l-obbligazzjonijiet finanzjarji li jirriżultaw mill-perijodu kollu tas-sħubija tar-Renju Unit fl-Unjoni.

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni (UE) 2017/1331 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/435 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontinġenza ĠU L 185, 18.7.2017, p. 35-36	7958/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 25/2016 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bl-isem: "Is-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art: għodda utli għad-determinazzjoni tal-eliġibbiltà ta' art agrikola - iżda l-ġestjoni tagħha tista' tittejjeb aktar"	10466/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 26/2016 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bl-isem: "Iż-żieda fl-effettività tal-kundizzjonalità u l-ksib ta' simplifikazzjoni għadhom diffikultużi"	10467/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1163 tal-20 ta' Ġunju 2017 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Bożnija-Herzegovina, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ĠU L 170, 1.7.2017, p. 1-2	13824/16

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Ġejjieni Ewropew sostenibbli: It-tweġiba tal-UE għall-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli"	10370/17
Dikjarazzjoni minn Franza Franza approvat il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 'Ġejjieni Ewropew sostenibbli: it-tweġiba tal-UE għall-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli'. B'referenza għad-dikjarazzjoni li għamlet fil-mument tal-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Popli Indiġeni fit-13 ta' Settembru 2007, Franza tfakkar li, f'konformità mal-prinċipji kostituzzjonali tal-indiviżibbiltà tar-Repubblika u l-unità tal-poplu ta' Franza, il-poplu Franċiż huwa magħmul miċ-ċittadini kollha mingħajr distinzjoni abbażi tal-oriġini, ir-razza jew ir-reliġjon. Skont dawk il-prinċipji u l-prinċipju tal-ugwaljanza taċ-ċittadini quddiem il-liġi, huwa biss il-poplu Franċiż kollu kemm hu li jista' jingħata drittijiet, u Franza ma tagħti ebda dritt kollettiv ikun liema jkun il-grupp, definit minn komunità ta' oriġini, kultura, lingwa jew twemmin. Franza tibqa' impenjata li tiżgura li l-kisba tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli ser tkun ta' benefiċċju għal kulħadd, inkluż għal dawk li jappartjenu lil poplu indiġenu, mingħajr diskriminazzjoni.	
Dikjarazzjoni mil-Lussemburgu appoġġat mill-Iżvezja Il-Lussemburgu jiddispijaċih li l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, li ser jiddefinixxu r-risposta tal-Unjoni Ewropea għall-Aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti 2030, ma jidherx biżżejjed kont tal-komponent estern tal-Aġenda 2030 fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, b'mod partikolari b'rabta mal-impenn fit-tul tagħna li niddedikaw 0.7% tal-introjt nazzjonali gross għall-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA), u l-impenn tagħna li nagħtu importanza partikolari lill-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs), billi jkun allokat bejn 0.15 u 0.20 % tal-ODA għal dan il-grupp ta' pajjiżi l-aktar fil-bżonn. Il-Lussemburgu jirrikonoxxi li hemm diversi mezzi finanzjarji u mhux finanzjarji għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa, iżda jqis li l-ODA ser ikompli jkollha rwol importanti, speċjalment għal-LDCs. Għaldaqstant il-Lussemburgu jiddispijaċih li l-konklużjonijiet tal-Kunsill ma jirreferux speċifikament għall-impenni finanzjarji tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha b'rabta mal-ODA inġenerali (0.7 % tal-ING) u l-prijorità li għandha tingħata lil-LDCs (0.15 - 0.20 tal-ING), kif speċifikat fl-Aġenda 2030 - u b'mod partikolari l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli 1 u 17 - u fl-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa, li hija parti integrali tal-Aġenda 2030.	

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2017/1133 tal-20 ta' Ġunju 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1388/2013 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali ĠU L 164, 27.6.2017, p. 1-5	9766/17
Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2017/1134 tal-20 ta' Ġunju 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1387/2013 li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agrikoli u industrijali ĠU L 164, 27.6.2017, p. 6-27	9794/17
Proċedura bil-miktub li tlestiet fit-23 ta' Ġunju 2017	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1127 tat-23 ta' Ġunju 2017 li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran ĠU L 163, 24.6.2017, p. 16-20	10265/17
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 2017/1124 tat-23 ta' Ġunju 2017 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran ĠU L 163, 24.6.2017, p. 4-9	10267/17

It-3554 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI u ENERĠIJA) li saret fil-Lussemburgu fis-26 ta' Ġunju 2017

ATTI LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE.) ĠU L 198, 28.7.2017, p. 1-23	19/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-Artikoli 290 u 291 TFUE

Filwaqt li jfakkru fil-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, b'mod partikolari l-paragrafu 26 tiegħu, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jiddikjaraw li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament m'għandhomx jippreġudikaw kwalunkwe pożizzjoni futura tal-istituzzjonijiet fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikoli 290 u 291 TFUE f'fajls legiſlattivi oħra.

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kumpens finanzjarju għall-konsumaturi

Fid-dawl tal-isforzi kontinwi tagħha biex issaħħaħ l-infurzar tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni għall-prodotti, il-Kummissjoni, sabiex tindirizza t-telf finanzjarju potenzjali għall-konsumaturi minħabba prodotti li jkunu ttikkettati b'mod ħażin jew minħabba prestazzjoni tal-enerġija u ambjentali li tkun inqas minn dik indikata fuq it-tikketta, għandha tinvestiga jekk il-kumpens għall-konsumaturi f'każ ta' nuqqas ta' konformità fir-rigward tal-klassi tal-effiċjenza enerġetika indikata fuq it-tikketta jistax jiġi indirizzat.

Dikjarazzjoni mill-Bulgarija

Il-Bulgarija tikkunsidra li l-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-effiċjenza tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE mhijiex ser tintuża bħala preċedent biex tiġi żgurata l-konformità mal-Qafas Legiſlattiv Ġdid (NLF) meta tiġi riabbozzata kwalunkwe leġislazzjoni oħra fil-qasam tal-prodotti u b'mod partikolari d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija.

Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) li jipparteċipaw fiha b'mod konġunt diversi Stati Membri ĠU L 185, 18.7.2017, p. 1-15	18/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Astensjoni: UK
Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar garanziji finanzjarji għall-Istruttura ta' Implimentazzjoni tal-PRIMA 1. Fir-rigward tal-inizjattiva PRIMA, ir-Regolament Finanzjarju tal-UE fl-Artikolu 58(1)(c)(vi) jistipula li l-Kummissjoni tista' tafda l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni lil korp irregolat mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku (l-Istruttura ta' Implimentazzjoni – IS). Tali korp għandu jipprovdi garanziji finanzjarji adegwati. 2. Sabiex tiġi rispettata l-ġestjoni finanzjarja soda tal-fondi tal-UE, dawn il-garanziji għandhom ikopru, mingħajr limitazzjoni tal-ambitu jew l-ammonti, kwalunkwe dejn tal-IS mal-Unjoni relatat mal-kompiti ta' implimentazzjoni kollha kif previst fil-Ftehim ta' Delega. Il-Kummissjoni normalment tistenna li l-garanti jaċċettaw responsabbiltà konġunta u diversa għad-djun tal-IS. 3. Madankollu, abbażi ta' valutazzjoni dettaljata tar-riskju, b'mod partikolari jekk l-eżitu tal-valutazzjoni pilastru ex ante mwettqa għall-IS f'konformità mal-Artikolu 61 tar-Regolament Finanzjarju titqies bħala adegwata, l-Uffiċjal ta' Awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni responsabbli għal PRIMA ser jipprevedi li: • B'kont meħud tal-prinċipju tal-proporzjonalità, il-garanziji finanzjarji mitluba mill-IS jistgħu jkunu limitati għall-ammont massimu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni. • F'konformità ma' dan, ir-responsabbiltà ta' kull garanti tista' tkun proporzjonata mas-sehem tal-kontribuzzjoni tagħhom għal PRIMA. Il-garanti jistgħu jaqblu dwar il-modalitajiet li bihom ser ikopru din ir-responsabbiltà fl-ittri rispettivi tagħhom ta' dikjarazzjoni dwar ir-responsabilitajiet.			

Dikjarazzjoni mir-Renju Unit

Ir-Renju Unit jirrikonoxxi l-importanza tal-inizjattiva PRIMA għar-reġjun Ewro-Mediterranju u li s-suġġett tas-sigurtà tal-ikel, li huwa l-enfasi attwali tal-PRIMA, huwa pertinenti kemm għar-reġjun Ewro-Mediterranju minnu nnifsu kif ukoll għall-bqija tad-dinja.

Aħna nirrikonoxxu l-opportunità għall-iżvilupp ta' rabtiet aħjar tar-riċerka u l-innovazzjoni mal-pajjiżi parteċipanti fir-reġjun Ewro-Mediterranju u b'mod partikolari mal-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar.

Madankollu, ir-Renju Unit jinsab imħasseb dwar il-potenzjal tal-inizjattiva PRIMA li toħloq preċedent għall-allokazzjoni ta' finanzjament tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni fuq bażi ta' ġeografija minflok ta' eċċellenza. Aħna nemmnu li l-eċċellenza għandha tkun il-kriterju ewlieni għall-allokazzjoni ta' finanzjament ta' Orizzont 2020. Għaldaqstant, ir-Renju Unit astjena minn din id-deċiżjoni.

Regolament (UE) 2017/1199 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi għall-provvista ta' assistenza addizzjonali lill-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali ĠU L 176, 7.7.2017, p. 1-2	21/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
---	-------	------------------------	------------------------------

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1192 tas-26 ta' Ġunju 2017 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' standards fin-navigazzjoni interna (CESNI) u fis-sessjoni plenarja tal-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (CCNR) rigward l-adozzjoni ta' standards dwar ir-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni ĠU L 172, 5.7.2017, p. 10-11	9750/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tkabir Blu	10662/17

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 02/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "In-negozjar, li sar mill-Kummissjoni, tal-Ftehimiet ta' Sħubija 2014-2020 u l-programmi fil-qasam tal-Koeżjoni, għall-perjodu 2014-2020: l-infiq qed ikun aktar immirat fuq il-prijoritajiet ta' Ewropa 2020, iżda l-arranġamenti għall-kejl tal-prestazzjoni qed ikunu dejjem aktar kumplessi"	10614/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1173 tas-26 ta' Ġunju 2017 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda fil-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (Linja baġitarja 04 03 01 03) ĠU L 170, 1.7.2017, p. 89-91	10310/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tieni Rapport ta' Progress rigward il-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nutrizzjoni	10679/17
Proċedura bil-miktub li tlestiet fit-28 ta' Ġunju 2017	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1148 tat-28 ta' Ġunju 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna ĠU L 166, 29.6.2017, p. 35-35	10436/17
Proċeduri bil-miktub li tlestew fit-30 ta' Ġunju 2017	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għat-tnax-il laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni	10594/17
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1226 tat-30 ta' Ġunju 2017 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/544 li tapprova l-programm ta' aġġustament makroekonomiku tal-Greċja (2015/1411) ĠU L 174, 7.7.2017, p. 22–26	10074/17